

32003D0160

L 65/29

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.3.2003

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tas-7 ta' Marzu 2003****li temenda r-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' l-użu ta' l-halon 1301 u l-halon 1211**

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2003) 691)

(2003/160/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000, dwar sostanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2039/2000 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4)(iv) tiegħu,

Billi:

- (1) Matul il-kors tar-rivista pprovduta fl-Artikolu 4(4)(iv) tar-Regolament (KE) Nru 2036/2000, u wara konsultazzjoni mal-militari li għandhom interessi u oħrajn, il-Kummissjoni waslet għas-sejbiet li ġejjin rigward l-użu tal-halon 1301 u l-halon 1211.
- (2) L-halon 1301 huwa bħalissa wżat sabiex jiġi inertjat it-tank tal-karburant ta' l-ajruplan tal-ġlied F-16. Bħalissa ma huma disponibbli l-ebda sostituti li għandhom il-kapaċit li jitfu nar u li jrażżnu splużjoni fil-proporzjon tal-volum mat-toqol aċċettabbli sabiex jinertjaw it-tank tal-karburant ta' ajruplan tal-ġlied. Sostitut installat u li jitħaddem fuq l-ajruplan tal-ġlied F-16 x'aktarx li ma jkunx disponibbli fil-futur previst u b'mod ċert mhux qabel il-31 ta' Diċembru 2003, meta jridu jitneħħew l-użi mhux eżentati skond l-Artikolu 4(4)(iv) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000. Dan l-użu ta' l-halon 1301 għandu għalhekk jiġi miżjud mal-lista ta' l-użi ta' l-aloni eżentati fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000.
- (3) Kemm l-halon 1301 u kemm l-halon 1211 huma bħalissa wżati fil-vetturi ta' l-art tal-militar u fil-bastimenti navali għall-protezzjoni ta' l-ispazji okkupati mill-personal u fil-kompartimenti tal-magni. Madankollu, l-użu ta' l-halon 1301 biss huwa kopert bl-eżenzjoni pprovduta fir-Regolament (KE) Nru 2037/2000. Il-qlib ta' dan it-tagħmir militari mill-użu ta' l-halon 1211 għall-użu ta' l-halon 1301 ikun jiswa ħafna u kontroproduttiv rigward il-protezzjoni tas-saff ta' l-ożonu, ġaladarba l-halon 1301 għandu

l-potenzjal li jiżvojtta s-saff ta' l-ożonu tliet darbiet iktar bil-ħeffa mill-halon 1211. Barra minn hekk, it-tidwir tar-riżorsi finanzjarji sabiex jaqilbu t-tagħmir għall-użu ta' l-halon 1301 x'aktarx ħafna li jitfa' lura l-iżvilupp tas-sostituti mingħajr il-potenzjal li jiżvojtaw is-saff ta' l-ożonu. L-użu ta' l-halon 1211 għall-protezzjoni ta' l-ispazji okkupati mill-personal u mill-kompartimenti tal-magni fil-vetturi militari ta' l-art u l-bastimenti navali għandu għalhekk jiġi miżjud mal-lista ta' l-użi eżentati ta' l-aloni fl-Anness VII mar-Regolament (KE) Nru 2037/2000.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 2037/92 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Il-miżuri provvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat istitwit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 2037/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness VII mar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 huwa mibdul bit-test fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Marzu 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Margot WALLSTRÖM

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 244, tad-29.9.2000, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 244, tad-29.9.2000, p. 26.

## L-ANNESS

L-Anness VII mar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jiġi mibdul b'dan li ġej:

## "L-ANNESS VII

**L-użi kritiċi ta' l-halon**

L-użu ta' l-halon 1301:

- fil-vetturi ta' l-ajru għall-protezzjoni tal-kompartimenti ta' l-ekwipaġġ, għall-kisja ta' barra tal-magni, il-kompartimenti tat-tagħbija u l-kompartimenti niexfa, u sabiex jiġi inertjat it-tank tal-karburant,
- fil-vetturi militari ta' l-art u l-bastimenti navali għall-protezzjoni ta' l-ispazji okkupati mill-personal u l-kompartiment tal-magni,
- sabiex jintgħamli inertji l-ispazji okkupati u/jew meta jiġri l-ħruġ tal-likwidi jew tal-gassijiet f'ammabbli fil-militar u fiż-żejt, fis-settur tal-gass u petrokimiku, u fil-bastimenti eżistenti tat-tagħbija,
- sabiex jintgħamli inertji iċ-ċentri mħaddma tal-komunikazzjoni u tal-kmand eżistenti tal-forzi armati u ta' oħrajn, essenzjali għas-sigurtà nazzjonali,
- sabiex jintgħamli inertji l-ispazji fejn jista' jkun hemm ir-riskju tat-tixrid tal-materjal radjoattiv,
- fiċ-*Channel Tunnel* u stallazzjonijiet u trenijiet assoċjati magħha.

L-użu ta' l-halon 1211:

- fil-vetturi militari ta' l-art u l-bastimenti navali għall-protezzjoni ta' l-ispazji okkupati mill-personal u l-kompartiment tal-magni,
  - fit-tagħmir ta' l-idejn tat-tifi tan-nar u t-tagħmir fiss tat-tifi tan-nar għall-magni li jintużaw abbord il-vetturi ta' l-ajru,
  - fil-vetturi ta' l-ajru għall-protezzjoni tal-kompartimenti ta' l-ekwipaġġ, għall-kisja ta' barra tal-magni, il-kompartimenti tat-tagħbija u l-kompartimenti niexfa,
  - fit-tagħmir tat-tifi tan-nar essenzjali għas-salvagward personali wżati mill-brigati tat-tifi tan-nar għat-tifi tal-bidu,
  - fit-tagħmir tat-tifi tan-nar tal-militar u tal-pulizija għall-użu fuq il-persuna."
-